Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 17 ta' Ottubru 2023**
**(OR. en)**

**14263/23**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2023/0357 (NLE)**

**ENV 1131**
**CLIMA 480**
**MED 34**
**ONU 78**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 16 ta' Ottubru 2023 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2023) 586 final |
| Suġġett: | Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar u tar-Reġjun Kostali tal-Mediterran (il-"Konvenzjoni ta' Barċellona") fir-rigward tal-adozzjoni ta' Pjan Reġjonali dwar il-Ġestjoni tal-Agrikoltura, Pjan Reġjonali dwar il-Ġestjoni tal-Akkwakultura, Pjan Reġjonali dwar il-Ġestjoni tal-Ilma tal-Maltemp Urban, fil-qafas tal-Artikolu 15 tal-Protokoll dwar il-ħarsien tal-baħar Mediterran mit-tniġġis ta' oriġini terrestri, u fir-rigward tal-adozzjoni ta' emendi għall-Annessi II u III tal-Protokoll dwar Żoni Protetti b'mod Speċjali u d-Diversità Bijoloġika |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 586 final.

---

Mehmuż: COM(2023) 586 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.10.2023
COM(2023) 586 final

2023/0357 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar u tar-Reġjun Kostali tal-Mediterran (il-"Konvenzjoni ta' Barċellona") fir-rigward tal-adozzjoni ta' Pjan Reġjonali dwar il-Ġestjoni tal-Agrikoltura, Pjan Reġjonali dwar il-Ġestjoni tal-Akkwakultura, Pjan Reġjonali dwar il-Ġestjoni tal-Ilma tal-Maltemp Urban, fil-qafas tal-Artikolu 15 tal-Protokoll dwar il-ħarsien tal-baħar Mediterran mit-tniġġis ta' oriġini terrestri, u fir-rigward tal-adozzjoni ta' emendi għall-Annessi II u III tal-Protokoll dwar Żoni Protetti b'mod Speċjali u d-Diversità Bijoloġika**

# MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

## 1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f’isem l-Unjoni fit-23 Laqgħa tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar u tar-Reġjun Kostali tal-Mediterran (il-“Konvenzjoni ta’ Barċellona”) u l-Protokolli tagħha b’rabta mal-adozzjoni prevista ta’ tliet Pjanijiet Reġjonali ġodda (Pjan Reġjonali dwar il-Ġestjoni tal-Agrikoltura, Pjan Reġjonali dwar il-Ġestjoni tal-Akkwakultura u Pjan Reġjonali dwar il-Ġestjoni tal-Ilma tal-Maltemp Urban) fil-qafas tal-Artikolu 15 tal-Protokoll dwar il-ħarsien tal-baħar Mediterran mit-tinġis ta’ oriġini terrestri, u l-adozzjoni ta’ emendi għall-Annessi II u III tal-Protokoll dwar iż-Żoni ta’ Protezzjoni Speċjali u d-Diversità Bijoloġika

## 2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### 2.1. Il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar u tar-Reġjun Kostali tal-Mediterran u l-Protokolli tagħha

Il-Konvenzjoni ta’ Barċellona u s-seba’ Protokolli tagħha adottati fil-qafas tal-Pjan ta’ Azzjoni għall-Mediterran[1] jikkostitwixxu l-Ftehim Ambjentali Multilaterali legalment vinkolanti ewlieni għall-Baħar Mediterran u għandhom l-għan li jipproteġu l-ambjent tal-baħar u dak kostali tal-Mediterran. Il-Konvenzjoni ta’ Barċellona daħlet fis-seħħ fl-1978 u ġiet emendata fl-1995. L-emendi għall-Konvenzjoni ta’ Barċellona daħlu fis-seħħ fl-2004.

Il-Protokoll dwar il-Ħarsien tal-Baħar Mediterran mit-Tinġis ta’ oriġini terrestri (il-“Protokoll LBS”) għandu l-għan li jipprevjeni, inaqqas u jelimina bis-sħiħ, fejn possibbli, it-tniġġis tal-Baħar Mediterran mir-rimi ta’ skart jew ta’ materja oħra.

Protokoll dwar Żoni Protetti B’Mod Speċjali u d-Diversità Bijoloġika fil-Mediterran (il-“Protokoll dwar ŻPS u d-Diversità Bijoloġika”) għandu l-għan li jissalvagwardja d-diversità bijoloġika fil-Mediterran permezz tal-ħolqien u l-ġestjoni ta’ Żoni ta’ Protezzjoni Speċjali u l-protezzjoni u l-konservazzjoni tal-ispeċi.

L-Unjoni Ewropea hija parti għall-Konvenzjoni ta’ Barċellona u l-Protokolli tagħha, inkluż il-Protokoll LBS[2] u l-Protokoll dwar ŻPS u d-Diversità Bijoloġika[3]. L-Italja, il-Greċja, Spanja, Franza, is-Slovenja, Malta, Ċipru u l-Kroazja huma wkoll Partijiet għall-Konvenzjoni u l-Protokolli tagħha, flimkien ma’ tlettax-il pajjiż tal-Mediterran mhux tal-UE.

### 2.2. Il-Laqgħa tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta’ Barċellona u l-Protokolli tagħha

Il-Laqgħa tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta’ Barċellona u l-Protokolli tagħha (il-“Laqgħa tal-Partijiet Kontraenti”) tlaqqa’ flimkien Ministri u uffiċjali għolja li jirrappreżentaw lill-Partijiet Kontraenti kollha għall-Konvenzjoni ta’ Barċellona u l-Protokolli tagħha. Il-Partijiet Kontraenti se jiltaqgħu bejn l-4 u t-8 ta’ Diċembru 2023 f’Portoroz, is-Slovenja.

---

1 Il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Baħar Mediterran mit-Tniġġis (il-Konvenzjoni ta’ Barċellona) ġiet adottata fis-16 ta’ Frar 1976 u daħlet fis-seħħ fit-12 ta’ Frar 1978. Il-Konvenzjoni ġiet emendata mill-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar u tar-Reġjun Kostali tal-Mediterran fl-10 ta’ Ġunju 1995. Il-Konvenzjoni emendata daħlet fis-seħħ fid-9 ta’ Lulju 2004; https://wedocs.unep.org/bitstream/handle/20.500.11822/31970/bcp2019_web_eng.pdf

2 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/801/KE, ĠU L 322, 14.12.1999, p. 18-31.

3 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/800/KE, ĠU L 322, 14.12.1999, p.1.

Il-Laqgħa tal-Partijiet Kontraenti, li sseħħ darba kull sentejn, hija l-ogħla korp tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Konvenzjoni. F'dawn il-laqgħat biannwali l-Partijiet Kontraenti, irrappreżentati mill-Ministeri kompetenti tagħhom, jiddeċiedu dwar il-politiki, l-istrateġiji, il-baġit u l-programm ta' ħidma rilevanti.

Skont l-Artikolu 25 tal-Konvenzjoni ta' Barċellona, l-UE għandha teżerċita d-dritt tal-vot tagħha b'għadd ta' voti daqs l-għadd tal-Istati Membri tagħha, Partijiet Kontraenti għal din il-Konvenzjoni u għal Protokoll wieħed jew aktar tagħha. L-UE ma għandhiex teżerċita d-dritt tal-vot tagħha meta l-Istati Membri tagħha jeżerċitaw id-dritt tagħhom u viċeversa.

Skont l-Artikolu 15, il-paragrafu 1 tal-Protokoll LBS, id-deċiżjonijiet dwar l-adozzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni, il-programmi u l-miżuri għandhom isiru b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-Partijiet Kontraenti preżenti u votanti.

Skont l-Artikolu 23(2) tal-Konvenzjoni ta' Barċellona, l-emendi għall-Annessi tal-Konvenzjoni jew għal kwalunkwe Protokoll għandhom jiġu adottati mil-Laqgħa tal-Partijiet Kontraenti permezz ta' vot ta' maġġoranza ta' tliet kwarti tal-Partijiet Kontraenti għall-istrument.

### 2.3. L-atti previsti tat-23 Laqgħa tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Barċellona u l-Protokolli tagħha

Matul it-23 laqgħa Ministerjali, li se ssir mill-4 sat-8 ta' Diċembru 2023, il-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Barċellona u l-Protokolli tagħha għandhom jadottaw l-atti li ġejjin ("l-atti previsti"):

– Proposti għall-adozzjoni ta' tliet Pjanijiet Reġjonali fil-qafas tal-Artikolu 15 tal-Protokoll LBS: (1) il-Pjan Reġjonali dwar il-Ġestjoni tal-Agrikoltura, (2) il-Pjan Reġjonali dwar il-Ġestjoni tal-Akkwakultura, u (3) il-Pjan Reġjonali dwar il-Ġestjoni tal-Ilma tal-Maltemp Urban;

– Proposta għall-emenda tal-Annessi II u III għall-Protokoll dwar ŻPS u d-Diversità Bijoloġika.

L-għan tal-Pjanijiet Reġjonali previsti huwa li jnaqqsu u jipprevjenu t-tniġġis fil-Mediterran mill-ġestjoni mhux sostenibbli tal-agrikoltura, tal-akkwakultura u tal-ilma tal-maltemp rispettivament. Il-Protokoll LBS jipprevedi l-adozzjoni mill-Konvenzjoni ta' Pjanijiet ta' Azzjoni reġjonali għall-eliminazzjoni tat-tniġġis minn għejun u attivitajiet terrestri. Ladarba jiġu adottati l-Pjanijiet, il-miżuri u l-iskedi tagħhom isiru legalment vinkolanti, f'konformità mal-Artikolu 15(3) tal-Protokoll LBS.

L-għan tal-emenda tal-Annessi II u III għall-Protokoll dwar ŻPS u d-Diversità Bijoloġika huwa l-inklużjoni ta' disa' speċi kartilaġinużi: sitt speċi fl-Anness II (lista ta' speċi fil-periklu jew mhedda) u tliet speċi fl-Anness III (lista ta' speċi li l-isfruttament tagħhom qiegħed jiġi regolat). L-emendi għall-Annessi tal-Protokoll isiru effettivi għall-Partijiet Kontraenti kollha għall-Protokoll dwar ŻPS u d-Diversità Bijoloġika fl-iskadenza ta' perjodu ddeterminat mill-Partijiet Kontraenti meta jadottaw l-emenda, f'konformità mal-Artikoli 23 tal-Konvenzjoni ta' Barċellona u mal-Artikolu 14(1) tal-Protokoll dwar ŻPS u d-Diversità Bijoloġika.

## 3. IL-POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

(1) Fir-rigward tal-Pjan ta' Azzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni Agrikola:

F'konformità mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU, b'mod partikolari SDG 2, SDG 6 u SDG 14[4], il-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni[5] u l-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar il-Protezzjoni kontra Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes[6], il-Pjan Reġjonali previst jeħtieġ l-istabbiliment ta' qafas regolatorju (sal-2028), kif ukoll l-implimentazzjoni ta' miżuri (sal-2030) għat-tnaqqis tal-input ta' sustanzi niġġiesa u skart ieħor, kif ukoll il-kontribut għall-agrikoltura sostenibbli.

Il-Pjan Reġjonali previst huwa konformi bis-sħiħ mal-ambizzjoni tal-Unjoni skont il-Patt Ekoloġiku, b'mod partikolari l-Istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt tagħha[7] u l-Istrateġija għall-Bijodiversità[8], li għandhom l-għan li jnaqqsu t-tniġġis u li jħeġġu biedja b'input baxx. Il-pożizzjoni proposta tkun adattata wkoll għal politiki usa' tal-UE dwar il-protezzjoni tal-kwalità tal-korpi tal-ilma tal-UE u tal-ambjent tal-baħar u kostali kontra t-tniġġis minn għejun terrestri, kif ukoll dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi u t-tnaqqis tat-telf tan-nutrijenti.

Għalhekk huwa propost li l-Unjoni tappoġġa l-adozzjoni tal-Pjan Reġjonali dwar il-Ġestjoni Agrikola previst.

(2) Fir-rigward tal-Pjan ta' Azzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tal-Akkwakultura:

F'konformità mal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 14 tan-NU, kif ukoll mal-linji gwida u l-inizjattivi globali u reġjonali relatati mal-iżvilupp sostenibbli tal-akkwakultura[9], il-Pjan Reġjonali previst jeħtieġ l-istabbiliment ta' qafas regolatorju (sal-2027) li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet operazzjonali għall-faċilitajiet tal-akkwakultura, u jipprevedi l-implimentazzjoni ta' miżuri għat-tnaqqis tat-tniġġis mill-attivitajiet tal-akkwakultura (sal-2028/2030), għall-promozzjoni ta' akkwakultura ambjentalment sostenibbli (sal-2027) u għar-regolamentazzjoni tal-ġenerazzjoni ta' skart tal-plastik mill-akkwakultura (sal-2028).

Minħabba li l-Pjan Reġjonali previst huwa kompletament konformi mal-ambizzjoni tal-Unjoni skont il-Patt Ekoloġiku u l-Istrateġiji[10] u l-Linji Gwida relatati, b'mod partikolari l-Linji Gwida Strateġiċi tal-Kummissjoni għal akkwakultura tal-UE li tkun aktar sostenibbli u kompetittiva għall-perjodu bejn l-2021 u l-2030[11] biex tittejjeb il-prestazzjoni ambjentali tal-akkwakultura u jitnaqqas it-tniġġis tal-plastik, kif ukoll il-politika ambjentali dwar l-iżgurar ta' kwalità tajba tal-ilmijiet kostali u tal-baħar tal-UE, qiegħed jiġi propost li l-Unjoni tappoġġa l-adozzjoni tal-att previst.

---

4 SDG2: "Jintemm il-ġuħ, jinkisbu sigurtà tal-ikel u nutrizzjoni aħjar u tiġi promossa l-agrikoltura sostenibbli"; SDG 6: "Jiġu żgurati d-disponibbiltà u l-ġestjoni sostenibbli tal-ilma u ta' miżuri sanitarji għal kulħadd"; SDG 14: "Il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-oċeani, l-ibħra u r-riżorsi tal-baħar għall-iżvilupp sostenibbli", Adottati fis-70 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU fil-25 ta' Settembru 2015, "Nittrasformaw id-dinja tagħna: l-Aġenda tal-2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli.

5 Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni (UNCCD) f'pajjiżi milquta serjament min-nixfa u/jew id-deżertifikazzjoni, b'mod partikolari fl-Afrika, stabbilita fl-1994, UNCCD_Convention_ENG_0_0.pdf

6 Il-Konvenzjoni ta' Stokkolma (UNEP) dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes (POPs), li ġiet adottata fit-22 ta' Mejju 2001, daħlet fis-seħħ fis-17 ta' Mejju 2004, u ġiet riveduta l-aħħar fl-2019. https://chm.pops.int.

7 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 dwar Strateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent, COM(2020)381 final.

8 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 "Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna", COM(2020)380 final.

9 Il-Linji gwida għall-Agrikoltura Sostenibbli qed jiġu żviluppati mill-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-NU (FAO) għall-approvazzjoni fl-2024, u l-Linji Gwida Strateġiċi għal akkwakultura tal-UE li tkun aktar sostenibbli u kompetittiva għall-perjodu bejn l-2021 u l-2030 ġew adottati mill-Kummissjoni Ewropea f'Mejju 2021, COM(2021)236 final.

10 B'mod partikolari, l-Istrateġija tal-UE Mill-għalqa sal-Platt (COM(2020)381final), u l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità (COM(2020)380 final).

11 COM(2021)236 final.

Għalhekk qiegħed jiġi propost li l-Unjoni tappoġġa l-adozzjoni tal-Pjan Reġjonali dwar il-Ġestjoni tal-Akkwakultura.

(3) Fir-rigward tal-Pjan ta' Azzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tal-Ilma tal-Maltemp Urban:

F'konformità mal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 14 tan-NU, il-Pjan Reġjonali previst jeħtieġ l-istabbiliment ta' qafas regolatorju (sal-2028) biex jitnaqqas il-volum u l-flussi massimi tal-ilma tal-maltemp li jiskula u biex jiġu indirizzati aspetti tat-tniġġis relatati mill-ġestjoni tal-ilma tal-maltemp urban. Dan jipprevedi wkoll l-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' ġestjoni tal-ilma tal-tal-maltemp (sal-2030) ibbażati fuq l-għażla ta' miżuri ta' kontroll applikabbli, kif ukoll l-implimentazzjoni ta' manutenzjoni staġunali tas-sistemi ta' ġbir tal-ilma tal-maltemp (sal-2028) għall-iżgurar tal-funzjonament effiċjenti tagħhom.

Il-Pjan Reġjonali propost huwa kompletament konformi mal-politiki tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-kwalità tal-korpi tal-ilma tal-UE u tal-ambjent kostali u tal-baħar kontra t-tniġġis minn sors ta' tniġġis minn għejun terrestri, kif ukoll mal-ġestjoni xierqa tal-ilma urban mormi.

Għalhekk, qiegħed jiġi propost li l-Unjoni tappoġġa l-adozzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tal-Ilma tal-Maltemp Urban previst.

(4) Fir-rigward tal-emendi għall-Annessi II u III għall-Protokoll dwar ŻPS u d-Diversità Bijoloġika:

Skont il-valutazzjonijiet tal-Lista l-Ħamra tal-Unjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tal-Ispeċijiet (IUCS)[12], l-ispeċijiet kartilaġinużi proposti għall-inklużjoni fl-Anness II ("speċijiet fil-periklu jew mhedda") u III (speċijiet li l-isfruttament tagħhom huwa regolat) rispettivament, huma jew fil-periklu (b'mod kritiku), vulnerabbli jew kważi mhedda. Bħala tali, l-inklużjoni proposta tal-ispeċijiet u l-ġustifikazzjoni sottostanti huma f'konformità mad-Deċiżjoni IG.17/14 dwar il-Kriterji Komuni għall-proposta ta' emendi għall-Annessi II u III tal-Protokoll dwar ŻPS u d-Diversità Bijoloġika[13].

L-emendi proposti huma kompletament konformi mal-ambizzjonijiet tal-Unjoni skont l-istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità, kif ukoll mal-impenji internazzjonali tagħha li tipproteġi u tirrestawra l-bijodiversità fil-qafas tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Diversità Bijoloġika (KBD). Huma konsistenti wkoll mal-approċċ tal-Unjoni meħud fil-politika tas-sajd tal-UE dwar il-protezzjoni tar-riżorsi tas-sajd u tal-ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jibni fuq rakkomandazzjonijiet minn korpi reġjonali.

Għalhekk, qiegħed jiġi propost li l-Unjoni tappoġġa l-emenda tal-Annessi II u III tal-Protokoll dwar ŻPS u d-Diversità Bijoloġika.

Hija meħtieġa pożizzjoni tal-Unjoni għall-adozzjoni tal-atti previsti minħabba l-effetti legalment vinkolanti ta' dawn l-atti.

---

[12] Il-Lista l-Ħamra tal-Unjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tan-Natura ta' Speċijiet Mhedda stabbilita fl-1964, www.iucnredlist.org

[13] Kriterji Komuni għall-proposta ta' emendi għall-Annessi II u III tal-Protokoll dwar Żoni Protetti b'mod Speċjali u d-Diversità Bijoloġika fil-Mediterran, adottati fil-Konvenzjoni ta' Barċellona COP15, UNEP(DEPI)/MED IG.17/10 Anness V

## 4. BAŻI ĠURIDIKA

### 4.1. Bażi ġuridika proċedurali

*4.1.1. Prinċipji*

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu "*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.*"

Il-kunċett ta' "*atti li jkollhom effetti legali*" jinkludi l-atti li għandhom effetti legali bis-saħħa ta' regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp inkwistjoni. Dan jinkludi wkoll l-istrumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li "*jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni*"[14].

*4.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti*

Il-Laqgħa tal-Partijiet Kontraenti hija korp stabbilit bi ftehim, jiġifieri l-Konvenzjoni ta' Barċellona.

L-atti, li l-Laqgħa tal-Partijiet Kontraenti qed tintalab tadotta, jikkostitwixxu atti li jkollhom effetti legali. L-atti previsti se jkunu vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f'konformità mal-Artikolu 15(3) tal-Protokoll LBS fir-rigward tal-Pjanijiet Reġjonali previsti, u l-Artikolu 29 tal-Konvenzjoni ta' Barċellona fir-rigward tal-emendi previsti tal-Annessi għall-Protokoll dwar ŻPS u d-Diversità Bijoloġika.

L-atti previsti ma jissupplimentawx jew ma jemendawx il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

### 4.2. Bażi ġuridika sostantiva

*4.2.1. Prinċipji*

Il-bażi ġuridika sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi qabelxejn mill-objettiv u l-kontenut tal-att previst li fir-rigward tiegħu tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissejjes fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik mitluba mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

*4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ*

L-objettiv ewlieni u l-kontenut tal-atti previsti għandhom x'jaqsmu mal-ħarsien ambjentali.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 192(1) tat-TFUE.

### 4.3. Konklużjoni

Il-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta għandha tkun l-Artikolu 192(1) tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

[14] Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, il-Ġermanja vs il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-punti 61 sa 64.

2023/0357 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar u tar-Reġjun Kostali tal-Mediterran (il-"Konvenzjoni ta' Barċellona") fir-rigward tal-adozzjoni ta' Pjan Reġjonali dwar il-Ġestjoni tal-Agrikoltura, Pjan Reġjonali dwar il-Ġestjoni tal-Akkwakultura, Pjan Reġjonali dwar il-Ġestjoni tal-Ilma tal-Maltemp Urban, fil-qafas tal-Artikolu 15 tal-Protokoll dwar il-ħarsien tal-baħar Mediterran mit-tinġis ta' oriġini terrestri, u fir-rigward tal-adozzjoni ta' emendi għall-Annessi II u III tal-Protokoll dwar Żoni Protetti b'mod Speċjali u d-Diversità Bijoloġika**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Unjoni hija Parti Kontraenti għall-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar u tar-Reġjun Kostali tal-Mediterran (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Konvenzjoni ta' Barċellona")[15].

(2) Il-Protokoll dwar il-Ħarsien tal-Baħar Mediterran mit-Tinġis ta' Oriġini Terrestri (il-"Protokoll LBS") ġie konkluż mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/801/KE[16] u daħal fis-seħħ fil-11 ta' Mejju 2008.

(3) Il-Protokoll dwar Żoni Protetti b'mod Speċjali u d-Diversità Bijoloġika fil-Mediterran ("il-Protokoll dwar ŻPS u d-Diversità Bijoloġika") ġie konkluż mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/800/KE[17] u daħal fis-seħħ fit-12 ta' Diċembru 1999.

(4) Skont l-Artikolu 15 tal-Protokoll LBS, il-Laqgħa tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Barċellona u l-Protokolli tagħha tista' tadotta pjanijiet ta' azzjoni reġjonali li jkun fihom miżuri ta' konteniment u skedi ta' żmien għall-implimentazzjoni tagħhom.

(5) Skont l-Artikolu 18 tal-Konvenzjoni ta' Barċellona, il-Laqgħa tal-Partijiet Kontraenti tista' tadotta emendi tal-Protokolli għall-Konvenzjoni ta' Barċellona. Skont l-Artikolu 23 tal-Konvenzjoni ta' Barċellona u l-Protokolli tagħha flimkien mal-Artikolu 14(1) tal-Protokoll dwar ŻPS u d-Diversità Bijoloġika, emenda għall-Annessi tal-Protokoll

[15] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 77/585/KEE tal-25 ta' Lulju 1977 li tikkonkludi l-Konvenzjoni għall-protezzjoni kontra t-tniġġis tal-Baħar Mediterran u l-Protokoll għall-prevenzjoni u l-eliminazzjoni tat-tniġġis tal-Baħar Mediterran bir-rimi tal-iskart minn bastimenti u inġenji tal-ajru, ĠU L 240, 19.9.1977, p. 1.

[16] ĠU L 322, 14.12.1999, p. 18-31.

[17] ĠU L 322, 14.12.1999, p.1.

għandha ssir effettiva għall-Partijiet Kontraenti kollha għall-Protokoll dwar ŻPS u d-Diversità Bijoloġika malli jiskadi perjodu ddeterminat mill-Partijiet Kontraenti meta jadottaw l-emenda, ħlief għal dawk li jkunu nnotifikaw lid-Depożitarju bil-miktub li huma ma jkunux jistgħu japprovaw l-emenda.

(6) Il-Laqgħa tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Barċellona u l-Protokolli tagħha, matul it-23 sessjoni/laqgħa tagħha li saret mill-4-8 ta' Diċembru 2023, għandha tadotta tliet Pjanijiet Reġjonali ġodda skont il-Protokoll LBS (Pjan Reġjonali dwar il-Ġestjoni tal-Agrikoltura, Pjan Reġjonali dwar il-Ġestjoni tal-Akkwakultura, u Pjan Reġjonali dwar il-Ġestjoni tal-Ilma tal-Maltemp Urban), u proposta biex jiġu emendati l-Annessi II u III tal-Protokoll dwar ŻPS u d-Diversità Bijoloġika biex jinkludu disa' speċi kartilaġinużi: ħames speċijiet fl-Anness II (lista ta' speċi fil-periklu jew mhedda) u erba' speċi fl-Anness III (lista ta' speċi li l-isfruttament tagħhom qed jiġi regolat).

(7) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Laqgħa tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Barċellona u l-Protokolli tagħha dwar l-adozzjoni ta' dawn il-proposti, peress li l-Pjanijiet Reġjonali se jkunu vinkolanti fuq l-Unjoni skont l-Artikolu 15, il-paragrafu 3 tal-Protokoll LBS, u l-emendi għall-Annessi II u III tal-Protokoll dwar ŻPS u d-Diversità Bijoloġika se jkunu vinkolanti għall-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 29 tal-Konvenzjoni ta' Barċellona.

(8) Peress li l-Pjanijiet Reġjonali previsti huma konformi mal-ambizzjoni u l-politiki tal-Unjoni biex jitnaqqas it-tniġġis mill-agrikoltura, l-akkwakultura u l-ilma tal-maltemp urban u biex tittejjeb il-protezzjoni tal-ambjent kostali u tal-baħar, huwa propost li l-Unjoni tappoġġa l-adozzjoni tal-Pjanijiet Reġjonali proposti.

(9) Peress li l-emendi previsti għall-Annessi II u III għall-Protokoll dwar ŻPS u d-Diversità Bijoloġika huma konsistenti mal-ambizzjoni tal-Unjoni skont il-Patt Ekoloġiku, b'mod partikolari l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità, kif ukoll mad-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tar-riżorsi tas-sajd u tal-ekosistemi tal-baħar, qiegħed jiġi propost li l-Unjoni tappoġġa l-adozzjoni tal-emendi proposti.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fit-23 sessjoni/Laqgħa tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Barċellona u l-Protokolli tagħha għandha tkun li tappoġġa, fil-qafas tal-Artikolu 15 tal-Protokoll LBS, id-deċiżjonijiet li ġejjin:

(a) l-adozzjoni ta' Pjan Reġjonali dwar il-Ġestjoni tal-Agrikoltura;

(b) l-adozzjoni ta' Pjan Reġjonali dwar il-Ġestjoni tal-Akkwakultura;

(c) l-adozzjoni ta' Pjan Reġjonali dwar il-Ġestjoni tal-Ilma tal-Maltemp Urban.

*Artikolu 2*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fit-23 sessjoni/Laqgħa tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Barċellona u l-Protokolli tagħha għandha tkun li tappoġġa:

(a) l-inklużjoni tal-ispeċi kartilaġinużi li ġejjin fl-Anness II tal-Protokoll dwar ŻPS u d-Diversità Bijoloġika:

– *Aetomylaeus bovinus* (Geoffroy St. Hilaire, 1817);

- *Alopias superciliosus* (Lowe, 1841);
- *Bathytoshia lata* (Garman, 1880);
- *Dasyatis pastinaca* (Linnaeus, 1758);
- *Rhinoptera marginata* (Geoffroy St. Hilaire, 1817); u

(b) l-inklużjoni tal-ispeċi kartilaġinużi li ġejjin fl-Anness III tal-Protokoll dwar ŻPS u d-Diversità Bijoloġika:

- *Dasyatis marmorata* (Steindachner, 1892);
- *Hexanchus griseus* (Bonnaterre, 1788);
- *Pteroplatytrygon violacea* (Bonaparte, 1832);
- *Myliobatis aquila* (Linnaeus, 1758).

*Artikolu 3*

Bidliet żgħar f'dawn il-pożizzjonijiet jistgħu jiġu miftiehma permezz ta' koordinazzjoni fuq il-post, u qabel ma tittieħed deċiżjoni fit-23 Laqgħa tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Barċellona u l-Protokolli tagħha.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*